**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 07/08(06_08_08).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 6 t' Awissu 2008, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-30 ta' Lulju 2008.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Inizjatti u Attivitajiet għall-Perjodu tax-Xitwa.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
7. Il-Proġett tal-*Playing Field*.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 07553/07 – *To sanction alterations in façade and add third floor and four penthouses* fi Triq iż-Żirżieb, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 03309/08 – *To sanction temporary awning which shall be removed every Winter* fi Triq ix-Xatt, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 03325/08 – *To sanction balcony projection and increase in height of ground floor stairs by one course* fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Tony Pace, fejn informa lill-Kunsill li l-Kor Sine Macula ta' Ħal Safi, fejn jagħmlu l-festa ta' San Pawl bħal Munxar, ġie mistieden sabiex jipparteċipa fil-Festival tal-Korijiet Ragalna Cori Estate 2008. Huma ser ikunu Ragalna mit-18 sal-21 ta' Lulju 2008. Huwa indika l-indirizz tas-sit elettroniku għal aktar informazzjoni.

2.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Austin Walker, Chairman, MEPA rigward is-servizz ta' applikazzjonijiet magħruf bħala *e-apps* li jagħti l-faċilita' li persuna tara minn fuq il-kompjuter tagħha partijiet mill-*files* ta' l-applikazzjonijiet mingħajr il-bżonn li tmur fil-Front Office tal-MEPA. Il-Kunsill ġie infurmat li l-MEPA tixtieq testendi dan is-servizz mingħajr ħlas lill-Kunsilli Lokali. Sabiex isir dan, il-Kunsill huwa mitlub sabiex jinnomina persuna bħala rappreżentant/a tiegħu sabiex ikunu jistgħu jsiru l-arranġamenti tekniċi meħtieġa biex jibda jingħata dan is-servizz.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Inġ. Mario Galea, Galea Curmi Engineering Services Ltd. rigward l-installazzjoni ta' l-elettriku fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi. Huwa ta lill-Kunsill ir-riżultat li ħareġ mis-*site inspection* li huwa kien għamel u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Peress li l-ispiża hija waħda għolja, r-rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu maqsuma f' *phases* u huwa semma lil min il-Kunsill jista' jinvolvi f' dan il-proġett għall-għajnuna. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet iridu jiġu implimentati sabiex il-Mitħna tkun tista' jiġi miftuħa għall-pubbliku.

2.05 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02900/08 – *To sanction variations in elevation and staircase and to erect additional floor* fi Triq l-Għar ta' Karolina, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 14/2008 mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Ħruġ ta' Permessi minn Kunsilli Lokali'. Minkejja twissijiet fl-imgħoddi, għadhom jaslu diversi ilmenti fid-Dipartiment partikolarment dwar permessi li jinħarġu mill-Kunsilli Lokali għat-tqiegħed ta' posti jew *kiosks* b' mod temporanju. Waslu rapporti li xi Kunsilli Lokali mhux qegħdin jimxu skont l-avviż Legali 119/2002. Dan l-aġir hu wieħed abbużiv u illegali u l-Kunsilli Lokali huma mwissija sabiex jimxu b' mod riġidu ma' l-avviż legali msemmi. Fin-nuqqas, id-Dipartiment ser jieħu l-passi meħtieġa fejn jinħass il-bżonn.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Tonio Fenech, Ministru, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment rigward id-Dokument ta' Qabel il-Baġit 2009: Flimkien għal Ġejjieni Sostenibbli. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jgħaddi r-rejazzjonijiet u s-suġġerimenti tiegħu fir-rigward ta' l-oqsma li jikkonċernawh billi jibgħathom biex b' hekk ikun assigurat żmien xieraq sabiex issir riflessjoni fuq dawn ir-rejazzjonijiet bl-għan li finalment jitħejja l-baġit għall-2009.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA, informazzjoni rigward Applikazzjoni Nru. 0050/08 – *To establish zoning, building heights and alignment of roads and buildings* fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar għall-attenzjoni tal-Kunsill.

2.09 Il-Kunsill irċieva ittra u programm mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Tnedija tal-*Policy* Ġdida dwar Ġemellaġġi'. Huwa qed jistieden lill-Kunsillier inkarigat mill-Ġemellaġġi jew is-Sindku jekk m' hemmx Kunsillier inkarigat u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jattendu għal *seminar* li ser isir fil-25 ta' Lulju 2008, fil-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

2.10 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA ħarġet rigward sit f' passaġġ fi Triq il-Kalkara tal-Ġir, Munxar minħabba żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti fi tfigħ ta' materjal/radam u tpoġġija ta' struttura tal-metal (*container*) u travi tal-ħadid.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02757/08 – *Structural alterations and additions to existing dwelling and construction of swimming pool* fi Triq Dun Alan Fenech kantuniera ma' Triq San Pawl, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.12 Il-Kunsill irċieva l-*poster*, ir-regolamenti u l-formola għan-nominazzjoni mingħand Ms Isabelle Farrugia, Private Secretary to the Parliamentary Secretary for the Elderly and Community Care rigward il-Premju Anzjan tas-Sena 2008 - Il-Ġimgħa, 17 t' Ottubru 2008. In-nominazzjonijiet jgħalqu fil-15 ta' Settembru 2008.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Manuel Tabone, Head of Secretariat, Parliamentary Secretariat for Public Dialogue and Information fejn is-Sindku jew Viċi-Sindku ġie mistieden sabiex jattendi għal-laqgħa li ser issir ma' l-Onor. Chris Said għas-Sindki jew Viċi-Sindki, fl-10 ta' Lulju 2008, fil-Kunsill Lokali Victoria. Huwa ppreżenta l-Aġenda ta' din il-laqgħa u bagħat id-dokument 'Charter of European Cities & Towns Towards Sustainability'.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Joseph Farrugia, Manager EU Funding Programmes, EU Programmes Information Unit (EUPIU), Ministeru għal Għawdex rigward Call for Proposal CIP - Policy Support Programme (ICT PSP) u Call for Proposal rigward CIP Eco-Innovation Pilot and Market Replication Projects. Huwa talab lill-Kunsill sabiex jikkuntatjah jekk il-Kunsill huwa interessat u jkollu bżonn xi għajnuna.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Joseph Farrugia, Manager EU Funding Programmes, EU Programmes Information Unit (EUPIU), Ministeru għal Għawdex rigward Call for Proposal of European Prize for Cultural Heritage / Europa Nostra Awards 2009. Huwa talab lill-Kunsill sabiex jikkuntatjah jekk il-Kunsill huwa interessat u jkollu bżonn xi għajnuna.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Michael Cohen, President u s-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Laqgħa tas-Sindki u Viċi-Sindki li ser issir fil-5 u fis-6 ta' Settembru 2008, fil-Monte Kristo Complex, Luqa. Mehmuż ma' din l-*e-mail* kien hemm id-dettalji kollha meħtieġa għal din il-laqgħa.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz u Rappreżentant Reġjonali fejn qed ifakkar lill-Kunsilli sabiex jaħsbu dwar l-attivitajiet li jixtiequ li jiġu organizzati fil-lokalitajiet fix-xhur tax-Xitwa sabiex din tidħol parti minn programm reġjonali ta' attivitajiet għall-2009-2010. Huwa qed jitlob sabiex il-Kunsilli jibgħatulu *in point form* l-ewwel abbozz ta' l-idea tagħhom ta' l-attivitajiet li jixtiequ jorganizzaw u fakkar ukoll li min diġa' għamel attivita' simili jista' jerġa' jippreżenta lilha.

2.18 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Chris Said, Segretarju Parlamentari, Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fejn irringrazzja lill-Kunsill għal-laqgħa li rċieva meta huwa żar l-uffiċċju tal-Kunsill u għall-parteċipazzjoni fil-proċess ta' konsultazzjoni għar-riforma tal-Kunsilli Lokali. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex ikompli jressaq is-suġġerimenti tiegħu wara li jiġu diskussi fil-laqgħat tal-Kunsill. Oltre dan, kull wieħed jista' wkoll iressaq is-suġġerimenti tiegħu bil-mezzi li huwa indika. Huwa ħabbar ukoll illi d-Dipartiment qed iħejji wkoll messaġġ qasir lir-residenti u japprezza jekk dan jiġi inkluż fl-ewwel pubblikazzjoni tal-Kunsill biex b' hekk anke' ir-residenti tal-lokal ikollhom l-opportunita' li jipparteċipaw f' dan il-proċess.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Annaliz Zammit, Where's Everybody rigward il-programm 'Pjazza'. Hija infurmat lill-Kunsill li qed jikkunsidraw li jtellgħu programm wieħed minn din is-sensiela mix-Xlendi, fit-22 t' Awissu 2008. Għalkemm il-programm ser jixxandar dirett fuq it-televixin il-Ġimgħa, l-armar ta' l-istage ser isir l-Erbgħa filgħaxija. Għaldaqstant qed titlob il-permess tal-Kunsill billi l-ewwel jibgħatilha '*No Objection*' sabiex wara tkun tista' tkompli tapplika għall-permessi kollha neċessarji.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Robert Farrugia, Marketing and Fundraising Manager, The Eden Foundation rigward l-EDENfest Marathon Fund Raising li ser issir fit-28 ta' Settembru 2008, fi Studio 7 sa nofsillejl. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jagħmel id-donazzjoni tiegħu u jgħin billi f' xi ħin ikun hemm preżenti u jirrispondi t-telefonati.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Joseph Farrugia, Manager EU Funding Programmes, EU Programmes Information Unit (EUPIU), Ministeru għal Għawdex rigward Call for Proposal – HERCULE II – Training , Conferences and Seminars. Huwa talab lill-Kunsill sabiex jikkuntatjah jekk il-Kunsill huwa interessat, sabiex din il-proposta tiġi diskussa aktar fid-dettal.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Manuel Tabone, Head of Secretariat, Parliamentary Secretariat for Public Dialogue and Information fejn irringrazzja lis-Sindki li jipparteċipaw fil-laqgħa tal-31 ta' Lulju 2008. Huwa saħaq li jekk l-inizzjattivi u l-idejat li ġew diskussi f' din il-laqgħa jitwettqu, tkun qed tissaħħaħ il-funzjoni tal-Kunsilli Lokali f' Għawdex. Dan jgħin mhux biss biex jiġu promossi t-tradizzjonijiet u drawwiet li sfortunatament uħud minnhom qed jispiċċaw pero' wkoll biex insaħħu l-patrimonju soċjo-kulturali tal-lokalitajiet Għawdxin u l-prodott Għawdxi b' mod ġenerali. Is-sottomissjonijiet ta' dawn l-inizjattivi jgħalqu fl-14 t' Awissu 2008. Mehmuż huwa bagħat il-preżentazzjoni li saret rigward l-Aalborg Charter u stieden lill-Kunsilli sabiex jikkuntatjawh għal aktar informazzjoni.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Michael Cohen, President u s-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Linji Gwida lill-Kunsilli Lokali dwar il-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm'. Ingħatat xi informazzjoni dwar dan il-Bumunqar u l-ħsara li jagħmel filwaqt li bagħtu wkoll il-linji gwida li d-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti ħareġ lill-Ġardinara li jaħdmu mal-Kunsilli Lokali sabiex ikunu aktar infurmati dwar x' għandhom jagħmlu biex jevitaw milli l-mard li jiġi kkawżat minn dan il-Bumunqar jinfirex. L-informazzjoni mitluba għandha tinżamm u tiġi mibgħuta lis-Sezzjoni tal-Ispettorat u Sorveljanza kif ukoll wieħed għandu iċemplilhom jekk matul iż-żabra jinnota xi sintomi.

2.24 Il-Kunsill irċieva Memo 19/2008 mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Għajnuna lill-Kunsilli Lokali dwar Programmi ta' l-Unjoni Ewropea mill-Malta-EU Steering & Action Committee (MEUSAC)'. Huwa ħabbar li fi ftit taż-żmien ieħor, il-Kunsilli Lokali ser jibdew jirċievu informazzjoni speċifikament relatata ma' programmi ta' UE li għalihom jistgħu japplikaw. Huwa indika l-indirizz elettroniku sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jabbonaw biex jirċievu *newsletter* elettronika 'Funding 4 yEU' maħruġa mill-MEUSAC. Filwaqt li ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jagħmlu użu mis-servizzi tal-MEUSAC, huwa bagħat kopja elettronika tal-preżentazzjoni magħmula fis-*seminar* tal-25 ta' Lulju 2008, 'Europe for Citizens – 2007-2013'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand sid ta' *flat* fi Triq iż-Żirżieb, Xlendi. Huwa qed jilmenta dwar ċint baxx ta' *plot* mhux mibnija quddiem il-proprjeta' tiegħu. Qed jilmenta wkoll dwar boroż ta' żibel li qed jitpoġġew fil-kantuniera tal-*plot* mhux mibnija. Huwa ġibed ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill dwar bankijiet li għandhom bżonn li jissewwew. Il-Kunsill iddeċieda li jqabbad *warden* sabiex jissorvelja din l-*area*, jitwaħħlu tabelli ta' avviżi u jitranġaw il-bankijiet.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Eddie Attard, peress li qed jagħmel riċerka dwar disgrazzji tal-logħob tan-nar u sar jaf li f' Awissu 1947, fix-Xlendi kienu tilfu ħajjithom żewġt itfal. Huwa xtaq aktar tagħrif. Is-Sinjura Carmen Said kienet semgħet dwar din il-ġrajja u għalhekk kien ser jintalab jikkuntatja lilha.

3.03 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-Avukat Mario Scerri bagħat f' isem il-Kunsill Lokali lil Joseph Parnis dwar Formazzjoni ta' Bankini fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina u Triq il-Madonna tal-Karmnu. Huwa ġie infurmat li l-bankina fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Munxar trid issir aċċessibbli għal kulħadd. F' każ li huwa jibqa' jopponi mingħajr raġuni valida, qed ikun avżat li ser jinżamm responsabbli għal kull eventwalita' dannu li terzi persuni jistgħu jsofru.

3.04 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-propjetarja tal-Hotel Serena Beach Club sabiex issir tabella '*Loading & Unloading*', quddiem l-entratura tal-Lukanda fi Triq San Xmun, Xlendi. Il-Kunsill kien ser jirreferi din it-talba lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta t' Għawdex.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Koordinatur tal-Logħob tal-Baħar li jsir fil-Festa tax-Xlendi. Huwa qed jitlob sabiex il-Kunsill iħallas l-ispejjeż tat-trofej, *PA System* mal-Bajja, Ambulanza *stand by* u l-Preżentatur. Ġie deċiż li l-Kunsill jagħti għajnuna finanzjarja sa €400 u għandhom jippreżentaw irċevuti fiskali.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Superjur tal-MUSEUM Sannat sabiex irodd ħajr tal-għotja ġeneruża tat-tlett mija u ħamsin Ewro. Huwa għarraf lill-Kunsill li l-għotja minbarra għajnuna fil-ħtiġijiet li jkollhom, hija turija ta' apprezzament u nkoraġġiment fil-ħidma tagħhom mat-tfal u żgħażagħ. Hija investiment siewi għall-formazzjoni taċ-ċittadin ta' għada tar-raħal.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kunsill Lokali Fontana. Huma qed jipproponu li matul is-Sajf, il-Kunsill Lokali Fontana jorganizza attivitajiet sportivi fil-Bajja tax-Xlendi b' koordinazzjoni mal-Kunsill Lokali Munxar. Huma qed jitolbu laqgħa dwar din il-proposta. Ġie deċiż li l-Kunsill jiltaqa' mal-Kunsill Lokali Fontana fuq din il-materja.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Kevin Sciberras, Kap tat-Taqsima Kultura Għawdex. L-Uffiċċju tal-Kultura huwa impenjat bis-sħiħ b' risq politika kulturali serja li tagħmel minn Għawdex 'Il-Gżira tal-Kultura'. Waħda mill-ewwel inizjattivi f' dan ir-rigward hija l-pubblikazzjoni ta' Kalendarju Kulturali Annwali għall-2009. Din l-inizjattiva ser ikollha għan doppju:

1. Biex tintuża għal skopijiet ta' promozzjoni u *marketing* għal Għawdex mit-turist Malti kif ukoll barrani u
2. Biex nikkordinaw aħjar l-ippjanar ta' attivitajiet kulturali f' Għawdex b' mod li jkunu mifruxin fuq medda ta' żmien li jkunu jistgħu jitgawdu minn kulħadd.

3.09 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Avukat Mario Scerri l-aħħar verbal tal-kawża li hemm pendenti bejn Parnis u Camilleri sabiex tkun tista' titkompla l-bankina.

3.10 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta rigward l-ilment li kien għamel il-Kunsill dwar *buses* u *mini-buses* li qed jipparkjaw fejn m' għandhomx permess li jipparkjaw u qed iħallu l-magni mixgħula. L-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta ser tieħu l-passi meħtieġa. Dwar it-talba tal-Kunsill biex is-servizz tal-vjaġġi lejn ix-Xlendi jitjieb billi jinkludu l-Munxar f' dan il-vjaġġ, l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta qed f' taħditiet mal-Gozo Bus Owners Association biex jitjieb is-servizz.

3.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kap ta' l-Iskola Sekondarja Konservatorju ta' l-Isqof tar-Rabat, Għawdex fejn irringrazzja lill-Kunsill Lokali għad-donazzjoni ta' €100 biex jinxtraw kotba għal-Librerija ta' l-Iskola.

3.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ġurnalista tal-gazzetta KullĦadd fejn staqsa xi mistoqsijiet lis-Sindku dwar il-Pjazza tal-Knisja. Dan il-ġurnalist staqsa:

1. X' inhuma l-pjanijiet li għandu l-Kunsill għat-tisbiħ tal-Pjazza?

2. Meta bi ħsiebu l-Kunsill jibda b' dan il-Proġett u kemm se jiġih jiswih?

3. Tikkonferma li art pubblika fil-Pjazza se tkun qiegħda tingħata lil sidien privati biex jagħmlu *front garden* quddiem darhom?

4. Jekk fl-affermattiv, il-Kunsill x' passi se jieħu biex art pubblika tibqa' art pubblika u mhux tingħata l-privat?

5. Il-Kunsill ressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu fil-konfront ta' applikazzjoni numru PC00033/080? Jekk fin-negattiv, x' kienet ir-raġuni li għaliha ħass li ma kellux iressaq dawn l-oġġezzjonijiet?

It-tweġibiet tas-Sindku kienu:

1. Il-pjanijiet tal-Kunsill huma li nsebbħu l-Pjazza b' bankini ġodda, issir *traffic management* aħjar u spazju akbar għan-nies.

2. Issa għaddejjin b' xogħlijiet fuq Proġett ieħor u appena jitlesta nibdew naħsbu għall-Proġett tal-Pjazza. Wara li joħorġu t-*tenders* wieħed ikun jista' jistma aħjar kemm ser jiġi jiswa l-Proġett tal-Pjazza.

3. Żgur li l-Kunsill mhux ser jagħti ebda art pubblika li xi individwi.

4. Il-Kunsill ma ressaq ebda oġġezzjoni fuq l-applikazzjoni msemmija għaliex l-applikazzjoni saret fuq art privata. Meta l-Kunsill talab l-approvazzjoni mingħand il-Lands Department għall-Proġett tal-Pjazza approvat mill-MEPA ġejna infurmati li parti minn dan il-Proġett qiegħda fuq art privata. Meta tlabna x' għandu jsir, ġejna infurmati li qabel il-Kunsill ikun jista' jiżviluppa dik il-parti ta' l-art privata, l-ewwel trid issir talba sabiex issir esproprjazzjoni ta' l-art minn xi Dipartiment jew Aġenzija tal-Gvern u jitħallsu s-sidien. Il-Kunsill ma jistax jissottometti talbiet għall-esproprjazzjoni.

3.13 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta fi Triq Munxar, Munxar. Hija qed titlob sabiex il-bankina titranġa u titneħħa r-rampa ta' quddiem il-*garage* tagħhom. Kienet saret spezzjoni mal-Kuntrattur tal-Bankini u rriżulta li r-rampa tista' titneħħa iżda l-bankina ma tistax titranġa peress li hemm diversi qsari u oġġetti. Din il-persuna ntalbet biex tiżbarazza kollox.

3.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur Mużikali Joseph Grech tal-Gozo Youth Wind Band & Orchestra. Huwa qed jipproponi li jtella' Kunċert fil-Bajja tax-Xlendi f' data konvenjenti għaż-żewġ partijiet li jikkonsisti f' Programm ta' siegħa/siegħa u kwart ta' mużika. Wara li ttieħdet inkonsiderazzjoni l-kontribuzzjoni li l-Kunsill għamel fir-rispett ta' mużiċisti mill-Munxar, il-miżata tkun dik riveduta ta' €700. Dan il-prezz jinkludi: Provi u Eżekuzzjoni, Provista ta' siġġijiet għal Mużiċisti u Pubbliku, Dawl, *Announcer*, *Sound*, *Souvenir Programme* fejn jingħata prominenza lill-Kunsill u Palk. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel dan il-Kunċert fis-27 t' Awissu 2008, fid-9.15 ta' filgħaxija fix-Xlendi.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 07/08(06_08_08).

**5.00 Inizjatti u Attivitajiet għall-Perjodu tax-Xitwa.**

5.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Segretarju Parlamentari inkarigat mill-Kunsilli Lokali, Dr Chris Said kien sejjaħ laqgħa mas-Sindki t' Għawdex u ppropona li kull Kunsill Lokali jorganizza attivita' f' *weekend* fix-xhur tax-Xitwa biex isservi ta' attrazzjoni. It-tinda u xi spejjeż oħra ser ikunu sponsorjati.

5.02 Il-Kunsill iddiskuta dwar x' attivitajiet u dwar liema l-aħjar *weekend* li dawn jittellgħu. Ġie deċiż li l-Kunsill jorganizza fil-*weekend* ta' qabel il-Festa tal-Munxar: nhar il-Ġimgħa - Festival tal-Logħob tan-Nar, nhar is-Sibt - Festival ta' l-Ikel u DJ barrani u nhar il-Ħadd - Wirja ta' vetturi antiki.

Il-Kunsillier, is-Sur Patrick Grima talab sabiex mogħdija li qiegħda fi Triq Żgħawri isirilha wiċċ bil-*concrete* fuq talba ta' sid l-għalqa viċin. Huwa talab sabiex ikun skużat u ħareġ mil-laqgħa. Il-ħin kien is-7.15 ta' filgħaxija.

**6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fix-Xlendi qed jinżebgħu l-kurduna tal-bankini, twaħħlu xi tabelli ġodda u anke' tranġaw xi bankijiet.

**7.00 Il-Proġett tal-*Playing Field*.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-Proġett tal-*Playing Field* kien qed jitkompla. Kienet saret laqgħa mas-Sur Karl Azzopardi mill-Kumpanija Solar Solutions li tispeċjalizza dwar enerġija alternattiva. F' din il-laqgħa ġie diskuss dwar il-possibilita' li d-dawl tal-*Playing Field* ikun ipprovdut mid-dawl tax-xemx u kif ukoll l-ilma tas-*sink* tal-Latrina jiġi ttrattat biex jintuża għall-*flashings* tat-*toilets*. Din il-Kumpanija tieħu ħsieb ukoll sabiex issir applikazzjoni għall-fondi mill-Unjoni Ewropea.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mas-Sur David Apap, Zone Manager, Malta Tourism Authority fejn sar qbil li l-Kunsill jingħata għotja ta' €4658 biex isir aktar indafa u attivitajiet fix-Xlendi. Il-Kunsill kien diġa' ħa ħsieb sabiex isir knis *extra* filgħaxija fil-*weekends*.

8.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said kien hemm suġġeriment sabiex il-Kunsilli Lokali Għawdxin flimkien jiffirmaw l-Aalborg Charter.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Fis-26 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill Lokali Itaqa' ma' l-Onor. Chris Said, Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru inkarigat mill-Kunsilli Lokali. Kienu diversi is-suġġetti li ġew diskussi, kemm dwar materja li tikkonċerna lil-lokalita' tal-Munxar kif ukoll dwar materja li tikkonċerna lill-Kunsilli Lokali ingenerali bil-possibilita' li jiġu nklużi fir-riforma tal-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Kunsillier, is-Sur Partick Grima.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sinjura Carmen Said staqsiet meta ser ikun approvat il-*Parking* għal *Motorcycles* fi Triq ir-Rabat u meta ser jinqata' l-qasab u weraq tal-bajtar mit-triq tal-Wied. Is-Sindku nforma li l-*Parking* ġie approvat u ġew ordnati t-tabelli. Il-Kunsill kien ser jieħu ħsieb li jaqta' l-qasab tal-Wied.

10.02 Il-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri talab lill-Kunsill sabiex jirranġa l-ewwel tlett tarġiet ta' taraġ li minn Triq San Xmun jagħti għal Triq il-Puniċi fix-Xlendi. Il-Kunsill kien ser jieħu ħsieb li jirranġahom bil-*concrete*.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret talba minn Bidwi sabiex jitkisser parti mill-konkos tal-bankina li qiegħda fi Triq Santa Dminka fil-Munxar u b' hekk ikun jista' jitla' bl-inġenji tar-raba'. Kien hemm qbil dwar dan.

11.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret talba minn persuna residenti fi Triq l-Għar ta' Karolina sabiex issir lampa peress li dak it-taraġ li kien irranġa l-Kunsill huwa mudlam. Kien hemm qbil dwar dan.

11.03 Il-Kunsill qed jirċievi diversi ilmenti li drenaġġ qed joħroġ għal ġo l-Għar ta' Karolina. Il-Kunsill kien ser jitlob lid-Dipartiment tas-Sanita' sabiex jinvestigaw dan.

11.04 Is-Sindku u s-Sur Mario Camilleri kienu ġabru tlett kwotazzjonijiet sabiex isir xogħol ta' dawl fil-*ground* taċ-Ċentru Parrokkjali. Dawn kienu:

a. Rapa Showrooms Co. Ltd. - €2195.00
b. Electrical Supplies & Services - €3058.05
c. Reno's Ironmongery - €2287.52

Is-Sinjura Carmen Said staqsiet jekk tistax issir spiża bħal din fi proprjeta' privata. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dan qed isir għat-tfal tagħna.

Kien hemm qbil li tintgħażel l-orħos offerta ta' Rapa Showrooms Co. Ltd. - €2195.00

11.05 Is-Sur Mario Camilleri ppreżenta stima mingħand il-Munxar Falcons FC għal manutenzjoni u tindif ta' Ġnien Ragalna: Ħart bil-€35, Tisqija bil-€25 u Tindif bil-€35. Il-prezzijiet jinkludu l-għodda meħtieġa u l-VAT. Ġie deċiż li għalissa dan il-ġnien ikompli jieħu ħsiebu l-ħaddiem *attached* mal-Kunsill Lokali sakemm dan jirtira fi żmien qasir.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***